Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAS-SEBGĦA U GHOXRIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 10 ta' Marzu 2014 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Il-Laqgha bdiet fil-5.30p.m. fil-prezenza tal-Kunsilliera bl-eċċezzjoni tas-Sur R Bartolo, R Cassar u Dott. H Messina Ferrante li kienu ghadhom ma waslux. Is-Sindku talab sospensjoni tal-laqgha sabiex jigi diskuss il-kaz tas-Sinjuri Alan Bonnici u Pierre Grech fejn dawn ilmentaw li inghatat No Objection minn naha tal-Kunsill ghal PC33/13 Site at Ta' Gzejru, Triq B'Kara, Attard. Is-Sur R Cassar u Dott. Messina Ferrante dahlu f'dan il-waqt. Is-Sur Bonnici qal, skond kif jidher fil-pjanta esebita, b'din in-No Objection ser jinghalaq l-access ghad-djar tas-Sur Bonnici u s-Sur Grech. Fil-verita, qal is-Sur Grech, mhux ser tkun problema biex iddur b'karozza imma jekk jigu ghall uzu ta' xi bowzer jew irmunkar ta' dghajsa, dawn ma jdurux. Gie ghalhekk deciz li l-Kunsill ghandu jaghti garanzija bil-miktub lis-Sur Grech u s-Sur Bonnici li fl-imsemmija public open space ghandu jithalla spazju adekwat sabiex isir manuvrar ta' vetturi goffi li jkunu jridu access ghad-djar taghhom filwaqt li tintbaghat ittra l-MEPA li l-No Objection li kienet inghatat fl-14 ta' Jannar hija suggetta li r-residenti ma jkunux affettwati negattivament b'din il-proposta ta' konverzjoni ta' triq f'Public Open Space. Kulhadd qabel.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Approvati

2. **PUNTI MQAJJMA**
   a) Dott. Herbert Messina Ferrante ressaq dawn it-talbiet: li l-Centre Strip fi Triq Hannibal tigi ghat-tond; li ssir no entry minn naha tal-inzul ta' Triq Hannibal; li hemm tappiera thabbat u arblu perikoluz fl-istess triq;
   Is-Sur R Bartolo dahal f'dan il-waqt.
   b) Is-Sur Ralph Cassar fakkar fuq il-laqgha ta' taghrif ta' Henry Frendo nhar it-12 ta' Marzu u filwaqt li fil-15 ta' Marzu ser isir il-gbir ta' tessuti bejn id-9am u 12pm. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet approvazzjoni ghal gbir ta' tessuti nhar is-Sibt 17 ta' Mejju ghal fondazzjoni Inspire. Kulhadd qabel.
   c) Is-Sur Remigio Bartolo ghamel accenn ghall-applikazzjoni ghall attivitajiet kulturali 2014 li l-Kunsill ma nghatax fondi ghalihom. Ghalkemm il-Kunsill mhux bi hsiebu jirribatti tali decizjoni, gie suggerit fost affarijiet ohra li jew ma jigix sottomess isem ta' koordinatur jew il-koordinaturi inkunu ahna stess.
   d) Is-Sur Gerry Borg irrimarka li fi rigward tal-approvazzjoni tan-no objection tal-Anatolia, sa fejn jaf hu, kull stabbiliment ghandu jkollu espost is-seating capacity. Is-Sur Ralph Cassar qal li filfatt dan huwa minnu u jekk ikun hemm

iktar siggijiet minn dawk stipulate fuq il-permess, ghandu jigi irrappurtat. Is-Sur Marco Spiteri qal ukoll, biex jaghlaq l-argument, li issa li gejja il-world cup il-Kunsill ghandu jara li ma jigux ostakolati passaggi liberi waqt attivitajiet minn stabbilimenti kummercjali.

3. **KORRISPONDENZA**

🗁 Emails minghand Deborah Pace rigward l-Ambaxxatur Lokali taz-Zghazagh.

**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Is-Sindku propona li l-Ambaxxatur il-gdid ikun Jamie Vella. Kulhadd qabel.

🗁 Ittra minghand is-Segretarjat Parlamentari ghad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilita u Anzjanita Attiva.

**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Is-Segretarju Ezekuttiv ha jiehu hsieb jattendi ghal laqgha sabiex jara din l-iskema x'tinkopora fiha.

4. **RAPPORT – XOGHOLIJIET MADWAR IR-RAHAL**

Is-Sur Cordina qal li bhalissa qed isiru xogholijiet mill-haddiema tal-Kunsill fuq it-tisbih ta' Gnien Misrah Kola, diversi bankini madwar ir-rahal fosthom Triq il-Gibjun, u sinjali tat-toroq godda fosthom Triq il-Kromb u Triq il-Faqqiegh.

5. **HRUG TA' TENDERS**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill bil-hrug ta' dawn it-tenders:
ALC01/14: The Cleaning and Clearing of Surface Non-Urban Roads
ALC02/14: The Collection of Bulky Refuse
ALC03/14: The Upkeep and Maintenance of Parks, Gardens and Soft Areas
ALC04/14: Resurfacing Works in Attard
Din ta' l-ahhar, ghalkemm inghata stima ghar-resurfacing ta' Triq il-Gonna, li tammonta ghal madwar €60,000, ha tkun mahruga in generali sabiex tkopri xi resurfacing li l-Kunsill ikollu bzonn madwar ir-rahal. Is-Segretarju Ezekuttiv tat informazzjoni ukoll fuq il-hrug ta' Tenders ghal Mejju li gej li huma:
ALC05/14: Maintenance and Construction of Pavements and Culverts
ALC06/14: Cleaning and Maintenance of Public Conveniences, the Washing and Cleaning of Bus Shelters and Plastic Bollards, the Cleaning of Council Officer
ALC07/14: Printing of Local Council Magazine
.

6. **APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI FRAR 2014**

Saru diversi mistoqsijiet dwar il-pagamenti fosthom kemm-il xahar kienu jinkludu iz-zewg pagamenti lil Veladrians, min kien Neil Micallef, il-podologist u kemm il-darba fis-sena jithallas, kemm-il xhur kien hemm fil-pagament ta' Silvio's Ironmongery, il-pagament ta' JF Mallia kienx ta' xahar wiehed biss.

7. **GEMELLAGG MEMOS.**

Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni ghal Memos rigward Gemellaggi fejn hemm stipulat li jrid jintbaghat rapport komplut lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li l-infiq fuq il-Gemellagg m'ghandux ikun iktar minn €3,500 u li m'ghandux jitqies li meta jsiru xi safriet ghal barra, Il-Kunsill ghandu jkun biss rapprezentat minn zewg membri tal-Kunsill u s-Segretarju Ezekuttiv.

8. **JUM Ħ'ATTARD**

Is-Sur Remigio Bartolo qal li ma kellux konferma minn naha ta' Joseph Calleja ghal partecipazzjoni tieghu f'Gieh H'Attard. Issemmew xi persuni distinti ohra li setghu jaghtu kontribut sabiex titella din is-serata. Ghalhekk gie deciz li jiltaqa' separatament is-sotto kumitat li jkun compost mis-Sur John P Bonnici, Dott. Herbert Messina Ferrante, is-Sur Stefan Cordina, is-Sur Marco Spiteri u s-Sur Remigio Bartolo.

9. **AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur Mark Anthony Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Rega' fakkar fuq il-passagg bejn Triq Lorenzo Manche u Triq il-Ponsjetta.
- Rega' fakkar sabiex jitmexxa il-Bus Stop fi Triq Victor Vassallo
- Li l-IStop Sign fi Triq Znuber ma' Triq il-Ponsjetta ghandu bzonn jerga jigi mizbugh

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq il-kawza tal-barriera ta' Wied Incita
- Fakkar fuq it-tabelli storici u jekk filkaz hemm bzonn ta' xi proof reading, nibghatu kollox lis-Sur Mario Cucciardi
- Fakkar fiz-zriegh ta' sigar ta' Gnien Hal Warda u li issa li l-area giet identifikata jistghu jithawlu
- Staqsa jekk hemm xi problema bl-irrigation ta' Gnien Hal Warda. Is-Sindku qal li hemm xi problem ta' dawl
- Qal li l-librara ghandha bzonn xi xkafef extra
- Li in-No Entry ta' Triq Xatbet l-Art imdawwra

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Talab biex isir il-Passju fi Gnien il-Palma
- Gibed l-attenzjoni li s-Sur Philip Caruana ghandu 80 gurnata leave u qatt ma jiehu xejn minnhom. Ghalhekk il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lid-Dipartiment b'dawn il-mistoqsijiet:
  *Can he decide not to take leave?*
  *Does he automatically lose them?*
  *How many days can be brought forward?*
  *Can he be compensated for all or part?*
  Nistennew risposta iktar 'l quddiem

Is-Sur John P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Li fi Triq l-Gharix hemm sprall li kwazi sfronda – sabiex jitranga
- Staqsa meta jkun hemm Zebra Crossings minn min jitnehhew. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kwalukwe oggett li jsir gdid jew jitnehha, irid isir permess ghalih minn Transport Malta

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Irrimarka li hemm bzonn issir naqra iktar pressjoni fuq l-indafa tat-toroq.
- Staqsa meta hierga Newsletter 2
- Ha jaghmel mezz biex igib ir-ritratti tal-President minghand id-DOI.

Dott. Herbert Messina Ferrante ressaq dawn il-punti:

- Li hemm zewg hofor fi Triq Hannibal.
- Talab li Triq Oliver Agius issir Residents only
- Li t-Traffic Lights fi Triq in-Nutar Zarb qeghdin f'liwja perikoluza u ghadhom kemm reggghu gew iddanneggjati.

Is-Sur Gerald Borg ressaq dawn il-punti:

- Talab li tintbaghat ittra sabiex jigu rrangati il-Pelican Lights ta' hdejn il-Miracle Foods u tinzeba' l-art filwaqt li jimtela' il-kanal tal-Pelikan Light fi Triq iz-Zaghfran

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Talab li tintbaghat ittra ta' ringrazzjament lil Jean u Paul Chetcuti li hadu sehem fil-Karnival nhar it-Tnejn 3 ta' Marzu 2014 fil-parata minn Triq il-Pitkali ghal Triq il-Kbira.

**8. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata ghat-Tlieta, 15 ta' April 2014 fil-5.30pm fejn dak in-nhar il-laqgha tibda bil-Laqgha Generali Annwali.

________________ ________________

Sindku Data